# PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

*għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern*

**2007/2212(INI)**

14.2.2008

# EMENDI
# 1 - 118

**Abbozz ta' rapport**
**Giusto Catania**
(PE400.403v01-00)

dwar il-Green Paper rigward l-irwol tas-soċjetà ċivili fil-politika fil-qasam tad-droga fl-Unjoni Ewropea
(2007/2212(INI))

AM_Com_NonLegReport

**Emenda 1**
**Javier Moreno Sánchez, Roselyne Lefrançois**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Ċitazzjoni 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| - wara li kkunsidra r-Regolament ***tal-Kunsill (KEE)*** Nru ***302/93 tat-8 ta' Frar 1993 dwar it-twaqqif ta'*** Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza mid-Droga[1], | - wara li kkunsidra r-Regolament ***(KE)*** Nru ***1920/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar iċ-*** Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza mid-Droga[2]***, li jfassal mill-ġdid il-leġiżlazzjoni preċedenti,*** |

Or. es

**Emenda 2**
**Jaime Mayor Oreja, Agustín Díaz de Mera García Consuegra**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Ċitazzjoni 17 a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- wara li kkunsidra l-White Paper dwar il-Governanza Ewropea (COM(2001)0428) u l-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni bit-titolu "Lejn kultura rinfurzata ta' konsultazzjoni u djalogu - Prinċipji ġenerali u standards minimi għall-konsultazzjoni ta' partijiet interessati mill-Kummissjoni" (COM(2002)0704) u "Miri strateġiċi 2005–2009, Ewropa 2010: Sħubija għat-Tiġdid Ewropew - Prosperità, Solidarjetà u Sigurtà" (COM(2005)0012),*** |

Or. en

[1] ĠU L 36, 12.2.1993, p. 1.
[2] ĠU L 376, 27.12.2006, p. 1.

**Emenda 3**
**Jaime Mayor Oreja, Agustín Díaz de Mera García Consuegra**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa – A (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***-A. billi d-drogi, permezz tal-qerda ta' ħajjiet żgħażagħ, idgħajfu l-ġejjieni tas-soċjetà tagħna u għalhekk għandha ssir ġlieda kontrihom b'determinazzjoni u bla dewmien żejjed,*** |

Or. en

**Emenda 4**
**Roselyne Lefrançois**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa A**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| A. billi għandu jiġi promoss djalogu iżjed *inkwiżittiv* bejn il-komponenti varji tas-soċjetà ċivili (*fuq* livell nazzjonali, reġjonali u lokali) u l-istituzzjonijiet Ewropej, ***u wara li kkunsidra l-benefiċċji li djalogu xieraq u effettiv mas-soċjetà ċivili jista' jagħti għall-***formulazzjoni, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tad-deċiżjonijiet relatati mal-politiki dwar id-droga, kemm *fuq* il-livell ta' l-Istati Membri u kemm *fuq* il-livell ta' l-UE, | A. billi għandu jiġi promoss djalogu iżjed *metikoluż* bejn ***u mal-***komponenti varji tas-soċjetà ċivili (*fil*-livell ***transnazzjonali,*** nazzjonali, reġjonali u lokali) *fuq firxa Ewropea*, ***bil-għan li jitjiebu l-***formulazzjoni, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tad-deċiżjonijiet relatati mal-politiki dwar id-droga, kemm *fil*-livell ta' l-Istati Membri u kemm *fil*-livell ta' l-UE, |

Or. fr

**Emenda 5**
**Marco Cappato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa A**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| A. billi għandu jiġi promoss djalogu iżjed *inkwiżittiv* bejn il-komponenti varji tas-soċjetà ċivili (*fuq* livell nazzjonali, reġjonali u lokali) u l-istituzzjonijiet Ewropej, u wara li kkunsidra l-benefiċċji li *djalogu* xieraq u effettiv mas-soċjetà ċivili jista' jagħti għall-formulazzjoni, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tad-deċiżjonijiet relatati mal-politiki ***dwar id-droga***, kemm *fuq* il-livell ta' l-Istati Membri u kemm *fuq* il-livell ta' l-UE, | A. billi għandu jiġi promoss djalogu iżjed *metikoluż* bejn il-komponenti varji tas-soċjetà ċivili (*fil*-livell nazzjonali, reġjonali u lokali) u l-istituzzjonijiet Ewropej, u wara li kkunsidra l-benefiċċji li *djalogu* xieraq u effettiv mas-soċjetà ċivili jista' jagħti għall-formulazzjoni, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tad-deċiżjonijiet relatati mal-politiki ***fil-qasam tas-sustanzi narkotiċi***, kemm *fil*-livell ta' l-Istati Membri u kemm *fil*-livell ta' l-UE,<br>*Jekk tiġi adottata, din l-emenda tapplika wkoll għal Premessa F u għal paragrafi 1 sa 4.* |

Or. en

**Emenda 6**
**Esther De Lange, Frieda Brepoels**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa A a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aa. billi jidher ċar li l-organizzazzjoni tal-gruppi tas-soċjetà ċivili fil-livell Ewropew għandha valur miżjud mill-aspett ta' l-organizzazzjonijiet nazzjonali, reġjonali u lokali tas-soċjetà ċivili,*** |

Or. nl

**Emenda 7**
**Marian-Jean Marinescu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa A a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Aa. wara li kkunsidra l-ħtieġa li ċ-ċittadini jiġu mħajra u megħjuna biex jieħdu sehem fil-ħajja pubblika,*** |

Or. fr

**Emenda 8**
**Roselyne Lefrançois**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| wara li kkunsidra b'mod partikulari l-esperjenza kbira li s-soċjetà ċivili tista' tinjetta ***f'oqsma partikulari*** tal-politiki dwar id-droga, bħall-prevenzjoni, il-provvista ta' informazzjoni, ***it-trattamenti ta' rijabilitazzjoni*** u l-integrazzjoni mill-ġdid fis-soċjetà, | B. wara li kkunsidra b'mod partikulari l-esperjenza kbira li s-soċjetà ċivili tista' tinjetta ***f'aspetti*** *partikulari f'oqsma* tal-politiki dwar id-droga, bħall-prevenzjoni, il-provvista ta' informazzjoni, ***l-appoġġ lil dawk li jkunu ħerġin mid-dipendenza,*** u l-integrazzjoni mill-ġdid fis-soċjetà, |

Or. fr

**Emenda 9**
**Marco Cappato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| B. wara li kkunsidra b'mod partikulari l-esperjenza kbira li s-soċjetà ċivili tista' tinjetta f'oqsma partikulari tal-politiki dwar ***id-droga***, bħall-prevenzjoni, il-provvista ta' informazzjoni, it-trattamenti ta' rijabilitazzjoni u l-integrazzjoni mill-ġdid fis-soċjetà, | B. wara li kkunsidra b'mod partikulari l-esperjenza kbira li s-soċjetà ċivili tista' tinjetta f'oqsma partikulari tal-politiki dwar ***is-sustanzi narkotiċi***, bħall-prevenzjoni, il-provvista ta' informazzjoni, it-trattamenti ta' rijabilitazzjoni u l-integrazzjoni mill-ġdid fis-soċjetà, |

*Jekk tiġi adottata, din l-emenda tapplika wkoll għal Premessa C u għal paragrafi 2, 9, 16, 25, 27, 28, 29, 31, 32, 33 u 34.*

Or. en

**Emenda 10**
**Javier Moreno Sánchez, Roselyne Lefrançois**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| C. billi ***l-objettiv ta' prijorità għall-***perjodu 2005-2012 ta' l-istrateġija ta' l-UE dwar id-droga ***huwa li jissaħħaħ ir-rwol tas-***soċjetà ċivili ***fir-rigward tad-droga***, | C. billi *l-*perjodu 2005-2012 ta' l-istrateġija ta' l-UE dwar id-droga ***jinkludi l-ħtieġa għal konsultazzjoni xierqa mas-***soċjetà ċivili, |

Or. es

**Emenda 11**
**Luciana Sbarbati**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| C. billi l-objettiv ta' prijorità għall-perjodu 2005-2012 ta' l-istrateġija ta' l-UE dwar id-droga huwa li jissaħħaħ *ir-rwol* tas-soċjetà ċivili fir-rigward tad-droga, | C. billi l-objettiv ta' prijorità għall-perjodu 2005-2012 ta' l-istrateġija ta' l-UE dwar id-droga huwa ***li jingħata tagħrif preċiż u*** li jissaħħaħ *l-irwol* tas-soċjetà ċivili fir-rigward tad-droga, |

Or. it

**Emenda 12**
**Marco Cappato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa D**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| D. billi l-Green Paper dwar *ir-rwol* tas-soċjetà fil-politika dwar id-droga fl-UE u t-twaqqif ta' Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Droga *jirrappreżenta* l-ewwel ***passi prattiċi*** lejn il-kisba ta' dak l-objettiv, | D. billi l-Green Paper dwar *l-irwol* tas-soċjetà fil-politika dwar id-droga fl-UE u t-twaqqif ta' Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Droga *jirrappreżentaw* l-ewwel ***pass prattiku*** lejn il-kisba ta' dak l-objettiv, |

Or. en

**Emenda 13**
**Roselyne Lefrançois**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa D a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Da. wara li kkunsidra kemm intlaqgħet tajjeb l-idea tal-kollegament tan-netwerks eżistenti mill-biċċa l-kbira ta' l-organizzazzjonijiet li wieġbu għall-konsultazzjoni tal-Kummissjoni,*** |

Or. fr

**Emenda 14**
**Marco Cappato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| E. wara li kkunsidra l-importanza ta' iżjed sinerġija bejn is-soċjetà ċivili u l-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-UE sabiex tiġi stabbilita relazzjoni bbażata fuq il-konsultazzjoni kontinwa u biex jiġi inkuraġġit l-iskambju ta' l-informazzjoni u ta' l-aqwa prattiki, | E. wara li kkunsidra l-importanza ta' iżjed sinerġija bejn is-soċjetà ċivili u l-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-UE sabiex tiġi stabbilita relazzjoni bbażata fuq il-konsultazzjoni kontinwa u biex jiġi inkuraġġit l-iskambju ta' l-informazzjoni u ta' l-aqwa prattiki, ***b'attenzjoni partikulari għall-kontributi xjentifiċi,*** |

Or. en

**Emenda 15**
**Nicolae Vlad Popa**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa F a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fa. billi mezz ta' komunikazzjoni miftuħ bħall-Internet għandu jkun inkluż f'kull struttura li tiġi proposta għal djalogu jew konsultazzjonijiet li jsiru ma' netwerks magħżula dwar kwistjonijiet speċifiċi, flimkien ma' konsultazzjoni miftuħa mal-partijiet kollha involuti,*** |

Or. en

**Emenda 16**
**Roselyne Lefrançois**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa G**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***G. wara li kkunsidra l-objettiva ta' prijorità li tissaħħaħ id-dimensjoni internazzjonali ta' l-assoċjazzjonijiet u n-netwerks Ewropej billi jiġu promossi koperazzjoni u interazzjoni ikbar f'dak il-qasam,*** | ***imħassra*** |

Or. fr

**Emenda 17**
**Panayiotis Demetriou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa G a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ga. billi l-irwol importanti tas-soċjetà ċivili fil-kwistjoni għandu jikkomplementa u jsaħħaħ ir-responsabilità konsiderevoli ta' l-Istati Membri u ta' l-organizzazzjonijiet internazzjonali biex jikkoperaw fil-ġlieda kontra l-produzzjoni u t-traffikar tad-droga, bħal ma jiġri fil-każ tat-terroriżmu,*** |

Or. en

**Emenda 18**
**Kathalijne Maria Buitenweg**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa G a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ga. billi jekk l-istituzzjonijiet ta' l-UE jinvolvu ruħhom aktar mas-soċjetà ċivili fil-qasam tal-politiki dwar id-droga, dan jgħinhom biex jevalwaw tajjeb l-istrateġiji attwali,*** |

Or. en

**Emenda 19**
**Roselyne Lefrançois**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jirrikonoxxi l-***importanza*** tas-soċjetà ċivili ***bħala parteċipant ewlieni*** fil-politiki dwar droga; | 1. Jirrikonoxxi ***l-irwol fundamentali*** tas-soċjetà ċivili ***fl-iżvilupp, fl-implimentazzjoni u fl-evalwazzjoni tal-*** politiki dwar *id*-droga; ***jisħaq, b'mod partikulari, fuq il-valur miżjud irrappreżentat mill-esperjenza tagħhom fost il-poplu, fuq il-kapaċità tagħhom*** |

| | |
|---|---|
| | ***għall-innovazzjoni u fuq il-potenzjal tagħhom rigward l-iskambju ta' l-informazzjoni u l-aħjar prattika;*** |

Or. fr

**Emenda 20**
**Luciana Sbarbati**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jirrikonoxxi l-importanza tas-soċjetà ċivili bħala parteċipant ewlieni fil-politiki dwar droga; | 1. Jirrikonoxxi l-importanza tas-soċjetà ċivili bħala parteċipant ewlieni ***u sieħba*** fil-politiki dwar *id*-droga; |

Or. it

**Emenda 21**
**Roselyne Lefrançois**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. Jenfasizza l-importanza tar-rwol li għandha tilgħab is-soċjetà ċivili fil-****formazzjoni****, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politiki dwar id-droga, u li l-valur miżjud ta' dik is-soċjetà jirriżulta mill-esperjenza miksuba fuq il-livell l-iżjed bażiku; f'dan is-sens, jirrikonoxxi l-potenzjal li s-soċjetà ċivili għandha x'toffri fir-rigward ta' l-iskambju ta' informazzjoni u ta' prattiċi tajba fl-applikazzjoni attwali tal-politiki dwar id-droga;*** | ***imħassar*** |

Or. fr

**Emenda 22**
**Marco Cappato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jenfasizza l-importanza *tar-rwol* li għandha tilgħab is-soċjetà ċivili fil-*formazzjoni*, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politiki dwar id-droga, u li l-valur miżjud ta' dik is-soċjetà jirriżulta mill-esperjenza miksuba fuq il-livell l-iżjed bażiku; f'dan is-sens, jirrikonoxxi l-potenzjal li s-soċjetà ċivili għandha x'toffri fir-rigward ta' l-iskambju ta' informazzjoni u *ta' prattiċi* tajba fl-applikazzjoni attwali tal-politiki dwar id-droga; | 2. Jenfasizza l-importanza *ta' l-irwol* li għandha tilgħab is-soċjetà ċivili fil-*formolazzjoni*, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politiki dwar id-droga, u li l-valur miżjud ta' dik is-soċjetà jirriżulta mill-esperjenza miksuba fuq il-livell l-iżjed bażiku; f'dan is-sens, jirrikonoxxi l-potenzjal li s-soċjetà ċivili għandha x'toffri fir-rigward ta' l-iskambju ta' *l-*informazzjoni u *tal-prattiki* tajba ***ppruvati u dokumentati b'mod xjentifiku*** fl-applikazzjoni attwali tal-politiki dwar id-droga; |

Or. en

**Emenda 23**
**Frieda Brepoels**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jenfasizza l-importanza *tar-rwol* li għandha tilgħab is-soċjetà ċivili fil-*formazzjoni*, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politiki dwar id-droga, u li l-valur miżjud ta' dik is-soċjetà jirriżulta mill-esperjenza miksuba fuq il-livell l-iżjed bażiku; f'dan is-sens, jirrikonoxxi l-potenzjal li s-soċjetà ċivili għandha x'toffri fir-rigward ta' l-iskambju ta' informazzjoni u *ta' prattiċi* tajba fl-applikazzjoni attwali tal-politiki dwar id-droga; | 2. Jenfasizza l-importanza *ta' l-irwol* li għandha tilgħab is-soċjetà ċivili ***bl-appoġġ tagħha għall-****formolazzjoni*, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politiki dwar id-droga, u li l-valur miżjud ta' dik is-soċjetà jirriżulta mill-esperjenza miksuba fuq il-livell l-iżjed bażiku; f'dan is-sens, jirrikonoxxi l-potenzjal li s-soċjetà ċivili għandha x'toffri fir-rigward ta' l-iskambju ta' *l-*informazzjoni u *tal-prattiki* tajba fl-applikazzjoni attwali tal-politiki dwar id-droga; |

Or. en

**Emenda 24**
**Luciana Sbarbati**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jenfasizza l-importanza *tar-rwol* li għandha tilgħab is-soċjetà ċivili fil-***formolazzjoni***, l-implimentazzjoni ***u*** l-evalwazzjoni tal-politiki dwar id-droga, u li l-valur miżjud ta' dik is-soċjetà jirriżulta mill-esperjenza miksuba fuq il-livell l-iżjed bażiku; f'dan is-sens, jirrikonoxxi l-potenzjal li s-soċjetà ċivili għandha x'toffri fir-rigward ta' l-iskambju ta' informazzjoni u *ta' prattiċi* tajba fl-applikazzjoni attwali tal-politiki dwar id-droga; | 2. Jenfasizza l-importanza *ta' l-irwol* li għandha tilgħab is-soċjetà ċivili ***fid-definizzjoni***, l-implimentazzjoni, l-evalwazzjoni ***u l-monitoraġġ*** tal-politiki dwar id-droga, u li l-valur miżjud ta' dik is-soċjetà jirriżulta mill-esperjenza miksuba fuq il-livell l-iżjed bażiku; f'dan is-sens, jirrikonoxxi l-potenzjal li s-soċjetà ċivili għandha x'toffri fir-rigward ta' l-iskambju ta' *l*-informazzjoni u *tal-prattiki* tajba fl-applikazzjoni attwali tal-politiki dwar id-droga; |

Or. it

**Emenda 25**
**Roselyne Lefrançois**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. Jirrikonoxxi li l-irwol ta' l-NGOs u ta' l-organizzazzjonijiet volontarji huwa essenzjali għall-iżvilupp ta' approċċi innovattivi bbażati fuq l-evalwazzjoni realistika tal-ħtiġijiet eżistenti;*** | ***imħassar*** |

Or. fr

**Emenda 26**
**Marco Cappato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jirrikonoxxi li l-irwol ta' l-NGOs u ta' l-organizzazzjonijiet volontarji huwa essenzjali għall-iżvilupp ta' approċċi innovattivi bbażati fuq l-evalwazzjoni ***realistika*** tal-ħtiġijiet eżistenti; | 3. Jirrikonoxxi li l-irwol ta' l-NGOs u ta' l-organizzazzjonijiet volontarji huwa ***ta' valur*** essenzjali għall-iżvilupp ***possibbli*** ta' approċċi innovattivi ***u/jew alternattivi*** bbażati fuq l-evalwazzjoni ***xjentifika*** tal-ħtiġijiet eżistenti; |

Or. en

**Emenda 27**
**Nicolae Vlad Popa**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Jisħaq fuq l-importanza li jitfasslu għodod u indikaturi għall-evalwazzjoni kwalitattiva biex jiżdiedu ma' l-indikaturi kwantitattivi attwali - stabbiliti mill-Pjan ta' Azzjoni u li jtaqqlu r-rapporti oġġettivi tal-Kummissjoni dwar l-evalwazzjoni tal-progress - biex hekk il-punt fokali jerġa' jgħaddi mill-ftuħ bla bżonn ta' programmi għall-effikaċja sħiħa tal-programmi - li titqies bħala kundizzjoni fundamentali għat-titjib fil-politiki nazzjonali fil-qasam tad-droga;*** |

Or. en

**Emenda 28**
**Jaime Mayor Oreja, Agustín Díaz de Mera García Consuegra**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Jirrikonoxxi li l-knejjes u l-komunitajiet reliġjużi ilhom attivi sew fil-ġlieda kontra d-droga u għalhekk l-esperjenzi tagħhom għandhom jitqiesu fil-formolazzjoni, fl-implimentazzjoni u fl-evalwazzjoni tal-politiki fil-qasam tad-droga;*** |

Or. en

**Emenda 29**
**Nicolae Vlad Popa**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Jisħaq fuq l-importanza ta' l-irwol ta' l-Internet biex jiġi żgurat li jkun hemm mod trasparenti u koerenti ta' skambju ta' l-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni u l-iżvilupp ta' l-istrateġija 2005-2012 ta' l-UE fil-qasam tad-droga, biex jiġi ffaċilitat l-involviment u jiġi ggarantit is-sehem tas-soċjetà ċivili (inklużi l-utenti u l-gruppi tal-komunità) fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni - fil-livelli kollha u fil-Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Droga - sabiex jitjieb l-aċċess għall-programmi tal-prevenzjoni u titjieb l-effikaċja tagħhom kif ukoll biex jikber l-għarfien;*** |

Or. en

**Emenda 30**
**Marco Cappato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. ***Jiddispjaċih*** dwar il-fatt li kien hemm dewmien fl-implimentazzjoni tal-finanzjament li sar disponibbli b'rabta ma' dak il-Programm; | 6. ***Jiddeplora*** l-fatt li kien hemm dewmien fl-implimentazzjoni tal-finanzjament li sar disponibbli b'rabta ma' dak il-Programm; |

Or. en

**Emenda 31**
**Javier Moreno Sánchez, Roselyne Lefrançois**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jenfasizza l-importanza li jiġi stabbilit il-Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Droga bħala l-ewwel pass lejn involviment iżjed prattiku u kostruttiv ta' l-assoċjazzjonijiet tas-soċjetà ċivili Ewropej fl-attivitajiet Komunitarji konnessi mal-politiki ***dwar id-droga***; | 7. Jenfasizza l-importanza li jiġi stabbilit il-Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Droga bħala l-ewwel pass lejn involviment iżjed prattiku u kostruttiv ta' l-assoċjazzjonijiet tas-soċjetà ċivili Ewropej fl-attivitajiet Komunitarji konnessi mal-politiki ***fil-qasam tal-prevenzjoni ta' l-użu tad-droga u fil-qasam tal-ġlieda kontra d-droga***; |

Or. es

**Emenda 32**
**Roselyne Lefrançois**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jiddispjaċih dwar il-fatt li ***ċerti assoċjazzjonijiet ikkritikaw in-nuqqas ta' trasparenza fil-kriterji użati fl-għażla l-assoċjazzjonijiet li jieħdu sehem*** fil-Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Droga; | 8. Jiddispjaċih dwar il-fatt li ***l-proċess ta' l-għażla tal-parteċipanti*** fil-Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Droga ***nħass minn xi organizzazzjonijiet bħala li kien nieqes mit-trasparenza, u jistieden lill-Kummissjoni biex tara kif se ssib tarf ta' din il-problema***; |

Or. fr

**Emenda 33**
**Marco Cappato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. ***Jiddispjaċih dwar*** il-fatt li ***ċerti*** assoċjazzjonijiet ikkritikaw in-nuqqas ta' trasparenza fil-kriterji użati fl-għażla l-assoċjazzjonijiet li jieħdu sehem fil-Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Droga; | 8. ***Jinnota bi tħassib*** il-fatt li ***xi*** assoċjazzjonijiet ikkritikaw in-nuqqas ta' trasparenza fil-kriterji użati fl-għażla *ta'* l-assoċjazzjonijiet li jieħdu sehem fil-Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Droga ***u jittama li għall-ġejjieni t-tkabbir tal-Forum isir b'mod aktar trasparenti***; |

Or. en

**Emenda 34**
**Nicolae Vlad Popa**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. Jikkunsidra li l-Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Droga għandu jkun inklużiv iktar milli esklużiv, biex jirrappreżenta spektrum wiesa' u bilanċ fil-fehmiet;*** |

Or. en

**Emenda 35**
**Luciana Sbarbati**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Jirrimarka li l-iskop tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Droga m'huwiex li tinħoloq assemblea maħsuba biex tressaq ideoloġiji varji, iżda biex ***jinħoloq*** mezz prattiku sabiex jiġu appoġġjati t-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki dwar id-droga fuq il-bażi ta' pariri prattiċi; | 9. Jirrimarka li l-iskop tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Droga m'huwiex li tinħoloq assemblea maħsuba biex tressaq ideoloġiji varji, iżda biex ***ikun hemm djalogu u kuntatti diretti ma' l-assoċjazzjonijiet li jinsabu fuq quddiem fil-ġlieda kontra d-droga fil-livell ta' prevenzjoni u ta' rijabilitazzjoni kif ukoll biex ikun hemm*** mezz prattiku sabiex jiġu appoġġjati t-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki dwar id-droga fuq il-bażi ta' pariri prattiċi; |

Or. it

**Emenda 36**
**Esther De Lange, Frieda Brepoels**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Jirrimarka li l-iskop tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Droga m'huwiex li tinħoloq assemblea maħsuba biex tressaq ideoloġiji varji, iżda biex jinħoloq mezz prattiku sabiex jiġu appoġġjati t-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki dwar id-droga fuq il-bażi ta' pariri prattiċi; | 9. Jirrimarka li l-iskop tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Droga m'huwiex li tinħoloq assemblea maħsuba biex tressaq ideoloġiji varji, iżda biex jinħoloq mezz prattiku sabiex jiġu appoġġjati t-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki dwar id-droga fuq il-bażi ta' pariri prattiċi ***kif ukoll għall-analiżi tal-problemi transkonfinali fl-Unjoni Ewropea li jiġu mid-differenzi fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, b'mod partikulari fiż-żoni tal-fruntieri***; |

Or. nl

**Emenda 37**
**Javier Moreno Sánchez, Roselyne Lefrançois**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Jirrimarka li l-iskop tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Droga m'huwiex li tinħoloq assemblea maħsuba biex tressaq ideoloġiji varji, iżda biex jinħoloq mezz prattiku sabiex jiġu appoġġjati t-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki ***dwar id-droga*** fuq il-bażi ta' pariri prattiċi; | 9. Jirrimarka li l-iskop tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Droga m'huwiex li tinħoloq assemblea maħsuba biex tressaq ideoloġiji varji, iżda biex jinħoloq mezz prattiku sabiex jiġu appoġġjati t-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki ***fil-qasam tal-prevenzjoni ta' l-użu tad-droga u fil-qasam tal-ġlieda kontra d-droga*** fuq il-bażi ta' pariri prattiċi; |

Or. es

**Emenda 38**
**Frieda Brepoels**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Jirrimarka li l-iskop tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Droga m'huwiex li tinħoloq assemblea maħsuba biex tressaq ideoloġiji varji, iżda biex jinħoloq mezz prattiku sabiex jiġu appoġġjati t-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki dwar id-droga fuq il-bażi ta' ***pariri prattiċi***; | 9. Jirrimarka li l-iskop tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Droga m'huwiex li tinħoloq assemblea maħsuba biex tressaq ideoloġiji varji, iżda biex jinħoloq mezz prattiku sabiex jiġu appoġġjati t-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki dwar id-droga fuq il-bażi ta' ***esperjenzi ta' suċċess***; |

Or. en

**Emenda 39**
**Urszula Gacek**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***10. Jiddispjaċih għall-parteċipazzjoni limitata fil-Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Droga min-naħa ta' l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-*** | ***imħassar*** |

***Istati Membri l-ġodda; jinsisti fuq il-ħtieġa li s-soċjetà ċivili fl-Istati Membri l-ġodda għandu jkollhom sehem akbar, minħabba l-importanza ta' dawn il-pajjiżi f'UE akbar;***

Or. en

**Emenda 40**
**Roselyne Lefrançois**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jiddispjaċih għall-parteċipazzjoni ***limitata*** fil-Forum ***tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Droga*** min-naħa ta' l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-Istati Membri l-ġodda; jinsisti fuq il-ħtieġa li s-soċjetà ċivili fl-Istati Membri l-ġodda għandu *jkollhom* sehem akbar, minħabba l-importanza ta' dawn il-pajjiżi f'UE akbar; | 10. Jiddispjaċih għall-parteċipazzjoni ***fqira f'dan il-***Forum min-naħa ta' l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-Istati Membri l-ġodda; jinsisti fuq il-ħtieġa li s-soċjetà ċivili fl-Istati Membri l-ġodda *għandha* ***ssir taf x'qiegħed jiġri u*** *jkollha* sehem akbar, minħabba l-importanza ta' dawn il-pajjiżi f'UE akbar; |

Or. fr

**Emenda 41**
**Frieda Brepoels**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jiddispjaċih għall-***parteċipazzjoni*** *limitata* fil-Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Droga min-naħa ta' l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-Istati Membri l-ġodda; jinsisti fuq il-ħtieġa li s-soċjetà ċivili fl-Istati Membri l-ġodda għandu *jkollhom* sehem akbar, minħabba l-importanza ta' dawn il-pajjiżi f'UE akbar; | 10. Jiddispjaċih għall-***interess*** *limitat* fil-Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Droga min-naħa ta' l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-Istati Membri l-ġodda; jinsisti fuq il-ħtieġa li s-soċjetà ċivili fl-Istati Membri l-ġodda għandu *jkollha* sehem akbar, minħabba l-importanza ta' dawn il-pajjiżi f'UE akbar; |

Or. en

**Emenda 42**
**Luciana Sbarbati**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Jitlob lill-Kummissjoni biex tagħti definizzjoni aktar ċara ta' x'għandu jkun l-irwol tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Droga, sabiex jiġu ***determinati*** l-għanijiet aħħarin li wieħed għandu jfittex permezz tal-konsultazzjoni ma' dan il-Forum; | 11. Jitlob lill-Kummissjoni biex tagħti definizzjoni aktar ċara ta' x'għandu jkun l-irwol tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Droga, sabiex jiġu ***kkjarifikati*** l-għanijiet aħħarin li wieħed għandu jfittex permezz tal-konsultazzjoni ma' dan il-Forum; |

Or. it

**Emenda 43**
**Frieda Brepoels**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. ***Jitlob lill-***Kummissjoni ***biex tagħti definizzjoni aktar ċara ta'*** x'għandu jkun l-irwol tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Droga, sabiex jiġu determinati l-għanijiet aħħarin li wieħed għandu jfittex permezz tal-konsultazzjoni ma' dan il-Forum; | 11. ***Jagħti l-appoġġ tiegħu*** lill-Kummissjoni ***fl-isforzi tagħha biex issib*** x'għandu jkun l-irwol tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Droga ***fl-istrateġija Ewropea fil-qasam tad-droga***, sabiex jiġu determinati l-għanijiet aħħarin li wieħed għandu jfittex permezz tal-konsultazzjoni ma' dan il-Forum; |

Or. en

**Emenda 44**
**Nicolae Vlad Popa**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***11a. Jikkunsidra li l-Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Droga għandu jkollu mandat ċar, aġendi definiti tajjeb, proċeduri trasparenti u pjanijiet ta' ħidma li jistgħu jseħħu u li jagħtu kontribut siewi fil-proċess tat-tfassil tal-politiki;*** |

Or. en

**Emenda 45**
**Roselyne Lefrançois**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 12. Jittama li d-djalogu mas-soċjetà ċivili jkollu effett li jinħass fuq il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet ta' l-UE; jikkunsidra li, għalhekk, ***dan id-djalogu mas-soċjetà ċivili*** għandu jingħatalu status istituzzjonali ***bħala mezz biex issir konsultazzjoni kontinwa ma' l-istituzzjonijiet ta' l-UE marbuta ma' l-għanijiet stabbiliti fl-istrateġija 2005-2012 ta' l-UE dwar id-droga u ma' l-inizjattivi għall-ġejjieni***; | 12. Jittama li d-djalogu mas-soċjetà ċivili jkollu effett li jinħass fuq il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet ta' l-UE; jikkunsidra li, għalhekk, ***ta' l-ewwel*** għandu jingħatalu status internazzjonali, ***fosthom permezz ta':*** |
| | ***- is-sehem uffiċjali tal-Forum fl-evalwazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-2005-2012 li għandu jsir mill-Kummissjoni fl-2008;*** |
| | ***- relazzjonijiet aktar wesgħin u trasparenti ma' l-Istati Membri;*** |
| | ***- il-preżenza permanenti tal-Forum f'laqgħat li jsiru mill-Presidenza ta' l-Unjoni mal-koordinaturi nazzjonali ta' l-azzjoni kontra d-droga;*** |
| | ***- kuntatti permanenti mal-Parlament, u l-organizzazzjoni ta' konferenza annwali mill-Parlament bis-sehem tal-Forum;*** |

***- sinerġija qawwijaa bejn l-attivitajiet tal-Forum u dawk ta' l-Osservatorju Ewropew għad-Droga u d-Dipendenza mid-Droga (OEDT) li jista' jiddedika taqsima tar-rapport annwali tiegħu għall-attivitajiet tas-soċjetà ċivili Ewropea;***

Or. fr

**Emenda 46**
**Esther De Lange**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. Jittama li d-djalogu mas-soċjetà ċivili jkollu effett li jinħass fuq il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet ta' l-UE; ***jikkunsidra li, għalhekk, dan id-djalogu mas-soċjetà ċivili għandu jingħatalu status istituzzjonali bħala mezz biex issir konsultazzjoni kontinwa ma' l-istituzzjonijiet ta' l-UE marbuta ma' l-għanijiet stabbiliti fl-istrateġija 2005-2012 ta' l-UE dwar id-droga u ma' l-inizjattivi għall-ġejjieni;*** | 12. Jittama li d-djalogu mas-soċjetà ċivili jkollu effett li jinħass fuq il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet ta' l-UE; ***(...)*** |

Or. nl

**Emenda 47**
**Frieda Brepoels**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. Jittama li d-djalogu mas-soċjetà ċivili jkollu effett li jinħass fuq il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet ta' l-UE; jikkunsidra li, għalhekk, dan id-djalogu mas-soċjetà ċivili għandu ***jingħatalu status istituzzjonali bħala mezz biex issir*** | 12. Jittama li d-djalogu mas-soċjetà ċivili jkollu effett li jinħass fuq il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet ta' l-UE; jikkunsidra li, għalhekk, dan id-djalogu mas-soċjetà ċivili għandu ***jkun ibbażat fuq*** konsultazzjoni kontinwa ***u kostruttiva*** ma' |

konsultazzjoni kontinwa ma' l-istituzzjonijiet ta' l-UE marbuta ma' l-għanijiet stabbiliti fl-istrateġija 2005-2012 ta' l-UE dwar id-droga u ma' l-inizjattivi għall-ġejjieni;

l-istituzzjonijiet ta' l-UE marbuta ma' l-għanijiet stabbiliti fl-istrateġija 2005-2012 ta' l-UE dwar id-droga u ma' l-inizjattivi għall-ġejjieni;

Or. en

**Emenda 48**
**Roselyne Lefrançois**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***13. Jisħaq fuq l-importanza li l-Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Droga jkun involut fl-evalwazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni 2005-2008 li l-Kummissjoni qiegħda tħejji biex jitwettaq fl-2008;*** | ***imħassar*** |

Or. fr

**Emenda 49**
**Marco Cappato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. Jisħaq fuq l-importanza li l-Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Droga jkun involut ***formalment*** fl-evalwazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni 2005-2008 li l-Kummissjoni qiegħda tħejji biex jitwettaq fl-2008; | 13. Jisħaq fuq l-importanza li l-Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Droga***, fost entitajiet oħra indipendenti,*** *ikun* involut fl-evalwazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni 2005-2008 li l-Kummissjoni qiegħda tħejji biex jitwettaq fl-2008; |

Or. en

**Emenda 50**
**Frieda Brepoels**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. Jisħaq fuq l-importanza li l-Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Droga jkun involut ***formalment*** fl-evalwazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni 2005-2008 li l-Kummissjoni qiegħda tħejji biex jitwettaq fl-2008; | 13. Jisħaq fuq l-importanza li l-Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Droga jkun involut fl-evalwazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni 2005-2008 li l-Kummissjoni qiegħda tħejji biex jitwettaq fl-2008; |

Or. en

**Emenda 51**
**Marian-Jean Marinescu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***13a. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jikkoperaw aktar mill-qrib fi ħdan il-Forum il-ġdid imsemmi aktar 'il fuq waqt l-evalwazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni li għandha ssir fl-2008 sabiex tiġi adottata strateġija komprensiva, ibbilanċjata, multidixxiplinarja għall-kwistjoni tad-droga, li tkun tħaddan il-politika ta' prevenzjoni, l-għajnuna għal dawk li jiddependu mid-droga u l-integrazzjoni tagħhom mill-ġdid, il-politika għall-ġlieda kontra d-drogi u s-sustanzi prekursuri, kif ukoll il-ħasil tal-flus u t-tisħiħ tal-koperazzjoni internazzjonali;*** |

Or. fr

**Emenda 52**
**Roselyne Lefrançois**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***14. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex jibdew djalogu aktar trasparenti u profond mas-soċjetà ċivili, skond l-għanijiet stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni 2005-2008 (Għan 3, Azzjoni 3.2);*** | ***imħassar*** |

Or. fr

**Emenda 53**
**Luciana Sbarbati**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex jibdew djalogu aktar trasparenti u profond mas-soċjetà ċivili, skond l-għanijiet stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni 2005-2008 (Għan 3, Azzjoni 3.2); | 14. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex jibdew djalogu aktar trasparenti u profond ***kif ukoll koperazzjoni ġenwina*** mas-soċjetà ċivili, skond l-għanijiet stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni 2005-2008 (Għan 3, Azzjoni 3.2); |

Or. it

**Emenda 54**
**Roselyne Lefrançois**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***15. Jitlob biex tingħata konsiderazzjoni lill-ħtieġa li l-Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Droga jkun preżenti għal-laqgħat kollha bejn il-Presidenza ta' l-UE fil-*** | ***imħassar*** |

***kariga u l-koordinaturi tad-droga ta' l-Istati Membri, kif diġà ġara dan l-aħħar f'għadd ta' okkażjonijiet; iqis li l-parteċipazzjoni tal-Forum f'laqgħat bħal dawn m'għandhiex teskludi l-parteċipazzjoni ta' l-NGOs jew rappreżentanti oħra tas-soċjetà ċivili;***

Or. fr

**Emenda 55**
**Frieda Brepoels**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Jitlob biex tingħata konsiderazzjoni lill-***ħtieġa li l-Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Droga jkun preżenti għal-laqgħat kollha bejn il-Presidenza ta' l-UE fil-kariga u l-koordinaturi tad-droga ta' l-Istati Membri, kif diġà ġara dan l-aħħar f'għadd ta' okkażjonijiet; iqis li l-*** parteċipazzjoni ***tal-Forum*** f'laqgħat ***bħal dawn m'għandhiex teskludi l-parteċipazzjoni ta'*** l-NGOs jew rappreżentanti oħra tas-soċjetà ċivili; | 15. Jitlob biex tingħata konsiderazzjoni lill-parteċipazzjoni***, fejn ikun xieraq,*** f'laqgħat ***tal-koordinaturi nazzjonali dwar id-droga, ta'*** l-NGOs jew rappreżentanti oħra tas-soċjetà ċivili; |

Or. en

**Emenda 56**
**Roselyne Lefrançois**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***16. Jisħaq fuq l-importanza ta' djalogu kontinwu bejn is-soċjetà ċivili u l-Parlament Ewropew; għal dan il-għan, jipproponi li ssir konferenza annwali li tkun promossa mill-Parlament Ewropew*** | ***imħassar*** |

***u li tkun tinvolvi lill-Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Droga bl-iskop li jsir skambju ta' tagħrif u jiġu diskussi u analizzati suġġetti attwali marbuta mal-politika dwar id-droga;***

Or. fr

**Emenda 57**
**Frieda Brepoels**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jisħaq fuq l-importanza ta' djalogu kontinwu bejn is-soċjetà ċivili u l-Parlament Ewropew; għal dan il-għan, jipproponi li ssir konferenza annwali li tkun promossa mill-Parlament Ewropew u li tkun tinvolvi lill-Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Droga bl-iskop li jsir skambju ta' tagħrif u jiġu diskussi u analizzati suġġetti attwali marbuta mal-politika dwar id-droga; | 16. Jisħaq fuq l-importanza ta' djalogu kontinwu bejn is-soċjetà ċivili u l-Parlament Ewropew; għal dan il-għan, jipproponi li ssir konferenza annwali li tkun promossa mill-Parlament Ewropew u li tkun tinvolvi lill-Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Droga ***u lill-istituzzjonijiet ta' l-UE li jaħdmu fil-qasam tad-droga*** bl-iskop li jsir skambju ta' tagħrif u jiġu diskussi u analizzati suġġetti attwali marbuta mal-politika dwar id-droga; |

Or. en

**Emenda 58**
**Marco Cappato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jisħaq fuq l-importanza ta' djalogu kontinwu bejn is-soċjetà ċivili u l-Parlament Ewropew; għal dan il-għan, jipproponi li ssir konferenza annwali li tkun promossa mill-Parlament Ewropew u li tkun tinvolvi lill-Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Droga bl-iskop li jsir skambju ta' | 16. Jisħaq fuq l-importanza ta' djalogu kontinwu bejn is-soċjetà ċivili u l-Parlament Ewropew; għal dan il-għan, jipproponi li ssir konferenza annwali li tkun promossa mill-Parlament Ewropew u li tkun tinvolvi lill-Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Droga ***u lil gruppi oħra interessati*** |

| | |
|---|---|
| tagħrif u jiġu diskussi u analizzati suġġetti attwali marbuta mal-politika dwar id-droga; | bl-iskop li jsir skambju ta' tagħrif u jiġu diskussi u analizzati suġġetti attwali marbuta mal-politika dwar id-droga; |

Or. en

**Emenda 59**
**Luciana Sbarbati**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jisħaq fuq l-importanza ta' djalogu kontinwu bejn is-soċjetà ċivili u l-Parlament Ewropew; għal dan il-għan, jipproponi li ssir konferenza annwali li tkun promossa mill-Parlament Ewropew u li tkun tinvolvi lill-Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Droga bl-iskop li jsir skambju ta' tagħrif u jiġu diskussi u analizzati suġġetti attwali marbuta mal-politika dwar id-droga; | 16. Jisħaq fuq l-importanza ta' djalogu kontinwu bejn is-soċjetà ċivili u l-Parlament Ewropew; għal dan il-għan, jipproponi li ssir konferenza annwali li tkun promossa mill-Parlament Ewropew u li tkun tinvolvi lill-Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Droga bl-iskop li jsir skambju ta' tagħrif u jiġu diskussi u analizzati suġġetti attwali marbuta mal-politika dwar id-droga***, u biex issir evalwazzjoni tar-riżultati li jinkisbu***; |

Or. it

**Emenda 60**
**Nicolae Vlad Popa**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16a. Jikkunsidra li l-Kummissjoni tista', sa ċertu punt, isservi ta' kontrobilanċ għall-gvernijiet nazzjonali billi tinvolvi lis-soċjetà ċivili bħala parti interessata fid-dibattitu ta' l-UE fuq il-politika fil-qasam tad-droga; iqis, għalhekk, li l-Kummissjoni tkun tista' toqgħod inqas fuq l-informazzjoni uffiċjali mogħtija mill-gvernijiet nazzjonali, jekk il-Forum*** |

| | |
|---|---|
| | ***tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Droga jkun jista' jgħaddi lill-Kummissjoni informazzjoni preċiża, li tkun ġiet immonitorjata fil-livell nazzjonali, u li permezz tagħha l-Kummissjoni tkun tista' ssaħħaħ il-kontroll fil-livell nazzjonali;*** |

Or. en

**Emenda 61**
**Roselyne Lefrançois**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***17. Jikkunsidra li għandu jkun hemm sinerġija qawwija bejn l-attivitajiet tal-Forum u ċ-Ċentru ta' Monitoraġġ Ewropew għad-Drogi u l-Vizzju tad-Droga (EMCDDA);*** ***jissuġġerixxi li r-rapport annwali taċ-Ċentru tal-Monitoraġġ għandu jkollu taqsima dwar l-attivitajiet tas-soċjetà ċivili Ewropea, sabiex jingħataw sustanza u profil lil dan id-djalogu;*** | ***imħassar*** |

Or. fr

**Emenda 62**
**Urszula Gacek**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jikkunsidra li għandu jkun hemm sinerġija qawwija bejn l-attivitajiet tal-Forum u ċ-Ċentru ta' Monitoraġġ Ewropew għad-Drogi u l-Vizzju tad-Droga (EMCDDA); ***jissuġġerixxi li r-rapport annwali taċ-Ċentru tal-Monitoraġġ għandu jkollu taqsima dwar l-attivitajiet*** | 17. Jikkunsidra li għandu jkun hemm sinerġija qawwija bejn l-attivitajiet tal-Forum u ċ-Ċentru ta' Monitoraġġ Ewropew għad-Drogi u l-Vizzju tad-Droga (EMCDDA); |

***tas-soċjetà ċivili Ewropea, sabiex jingħataw sustanza u profil lil dan id-djalogu;***

Or. en

**Emenda 63**
**Frieda Brepoels**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jikkunsidra li għandu jkun hemm ***sinerġija qawwija*** bejn l-attivitajiet tal-Forum u ċ-Ċentru ta' Monitoraġġ Ewropew għad-Drogi u l-Vizzju tad-Droga (EMCDDA); jissuġġerixxi li r-rapport annwali taċ-Ċentru tal-Monitoraġġ għandu jkollu taqsima dwar l-attivitajiet tas-soċjetà ċivili Ewropea, sabiex jingħataw sustanza u profil lil dan id-djalogu; | 17. Jikkunsidra li għandu jkun hemm ***involviment u djalogu iżjed b'saħħtu*** bejn l-attivitajiet tal-Forum u ċ-Ċentru ta' Monitoraġġ Ewropew għad-Drogi u l-Vizzju tad-Droga (EMCDDA); jissuġġerixxi li r-rapport annwali taċ-Ċentru tal-Monitoraġġ għandu jkollu taqsima dwar l-attivitajiet tas-soċjetà ċivili Ewropea, sabiex jingħataw sustanza u profil lil dan id-djalogu; |

Or. en

**Emenda 64**
**Luciana Sbarbati**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jikkunsidra li għandu jkun hemm sinerġija qawwija bejn l-attivitajiet tal-Forum u ċ-Ċentru ta' Monitoraġġ Ewropew għad-Drogi u l-Vizzju tad-Droga (EMCDDA); jissuġġerixxi li r-rapport annwali taċ-Ċentru tal-Monitoraġġ għandu jkollu ***taqsima dwar l-attivitajiet tas-*** soċjetà ċivili Ewropea, sabiex jingħataw sustanza u profil lil dan ***id-djalogu***; | 17. Jikkunsidra li għandu jkun hemm sinerġija qawwija bejn l-attivitajiet tal-Forum u ċ-Ċentru ta' Monitoraġġ Ewropew għad-Drogi u l-Vizzju tad-Droga (EMCDDA); jissuġġerixxi li r-rapport annwali taċ-Ċentru tal-Monitoraġġ għandu ***jkollu dettalji dwar miżuri li jkunu ttieħdu mis-*** soċjetà ċivili Ewropea, sabiex jingħataw sustanza u profil lil *din* ***is-*** |

***sinerġija***;

Or. it

**Emenda 65**
**Roselyne Lefrançois**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***17a. jinkuraġġixxi l-konnessjonijiet tematiċi ta' netwerks eżistenti, fil-marġini tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Droga jew fil-forma ta' gruppi jew sottogruppi ta' ħidma fi ħdan il-qafas ta' l-aħħar;*** |

Or. fr

**Emenda 66**
**Urszula Gacek**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Jitlob għal impenn finanzjarju akbar mill-UE biex jingħata appoġġ lill-attivitajiet tas-soċjetà ċivili Ewropea marbuta mal-proġetti attwali u l-inizjattivi għall-ġejjieni f'dan il-qasam; | 18. Jitlob għal impenn finanzjarju akbar***, li jkun soġġett għall-kontroll baġitarju,*** mill-UE biex jingħata appoġġ lill-attivitajiet tas-soċjetà ċivili Ewropea marbuta mal-proġetti attwali u l-inizjattivi għall-ġejjieni f'dan il-qasam; |

Or. en

**Emenda 67**
**Esther De Lange**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Jitlob għal impenn finanzjarju ***akbar*** mill-UE biex jingħata appoġġ lill-attivitajiet tas-soċjetà ċivili Ewropea marbuta mal-proġetti attwali u l-inizjattivi għall-ġejjieni f'dan il-qasam; | 18. Jitlob għal impenn finanzjarju ***(…)*** mill-UE biex jingħata appoġġ lill-attivitajiet tas-soċjetà ċivili Ewropea marbuta mal-proġetti attwali u l-inizjattivi għall-ġejjieni f'dan il-qasam; |

Or. nl

**Emenda 68**
**Csaba Sógor**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***18a. Jistieden lill-Istati Membri biex, fejn ikun possibbli, jestendu dispożizzjonijiet rigward il-finanzjament Statali għal servizzi provduti minn organizzazzjonijiet professjonali ċivili, li jkunu soġġetti għall-konformità ma' kriterji xierqa ta' assigurazzjoni tal-kwalità, mhux biss fil-każ tas-servizzi soċjali u tas-saħħa iżda wkoll fil-każ ta' servizzi li jnaqqsu l-ħsara u ta' servizzi t'għajnuna medika magħrufin bħala 'low-threshold'; iqis li b'dan il-mod se jkun possibbli li jiġi żgurat li t-tħaddim tas-servizzi jkun jista' jiġi ppjanat u li jkun dejjiemi, u li s-servizzi jikkonformaw ma' l-istandards tal-kwalità;*** |

Or. hu

**Emenda 69**
**Luciana Sbarbati**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 19. Jisħaq fuq l-importanza ta' l-azzjoni tas-soċjetà ċivili fil-kisba ta' l-għanijiet stabbiliti fl-istrateġija 2005-2012 ta' l-UE dwar id-droga rigward il-prevenzjoni, l-għoti ta' tagħrif ***u*** l-immaniġġjar tal-problemi marbuta mad-dipendenza mid-droga; | 19. Jisħaq fuq l-importanza ta' l-azzjoni tas-soċjetà ċivili fil-kisba ta' l-għanijiet stabbiliti fl-istrateġija 2005-2012 ta' l-UE dwar id-droga rigward il-***politiki dwar*** il-prevenzjoni***,*** l-għoti ta' tagħrif u l-immaniġġjar tal-problemi marbuta mad-dipendenza mid-droga ***u l-monitoraġġ ta' l-implimentazzjoni xierqa ta' dawn il-politiki***; |

Or. it

**Emenda 70**
**Marco Cappato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 19. Jisħaq fuq l-importanza ta' l-azzjoni tas-soċjetà ċivili fil-kisba ta' l-għanijiet stabbiliti fl-istrateġija 2005-2012 ta' l-UE dwar id-droga rigward il-prevenzjoni, l-għoti ta' tagħrif u l-immaniġġjar tal-problemi marbuta mad-***dipendenza mid-droga***; | 19. Jisħaq fuq l-importanza ta' l-azzjoni tas-soċjetà ċivili fil-kisba ta' l-għanijiet stabbiliti fl-istrateġija 2005-2012 ta' l-UE dwar id-droga rigward il-prevenzjoni, l-għoti ta' tagħrif u l-immaniġġjar tal-problemi marbuta *ma'* ***l-użu problematiku ta' sustanzi narkotiċi***; |

Or. en

**Emenda 71**
**Marco Cappato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20. Jistieden lill-partijiet kollha involuti kemm fil-livell ta' l-UE u kemm bħala Stati Membri biex joqogħdu aktar attenti għall-aspetti innovattivi li l-esperjenza tas- | 20. Jistieden lill-partijiet kollha involuti kemm fil-livell ta' l-UE u kemm bħala Stati Membri biex joqogħdu aktar attenti għall-aspetti innovattivi li l-esperjenza tas- |

soċjetà ċivili tista' tagħti biex jinkisbu l-għanijiet stabbiliti fl-istrateġija 2005-2012 ta' l-UE dwar id-droga, b'referenza partikolari għall-politika ***li tillimita l-ħsara***, il-politika ta' rijabilitazzjoni u l-politika għall-integrazzjoni soċjali mill-ġdid;

soċjetà ċivili tista' tagħti biex jinkisbu l-għanijiet stabbiliti fl-istrateġija 2005-2012 ta' l-UE dwar id-droga, b'referenza partikolari ***għal inizjattivi ta' kuxjenza pubblika, għall-politiki li jtillimitaw il-ħsara***, il-politika ta' rijabilitazzjoni u l-politika għall-integrazzjoni soċjali mill-ġdid;

Or. en

**Emenda 72**
**Roselyne Lefrançois**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20. Jistieden lill-partijiet kollha involuti kemm fil-livell ta' l-UE u kemm bħala Stati Membri biex joqogħdu aktar attenti għall-aspetti innovattivi li l-esperjenza tas-soċjetà ċivili tista' tagħti biex jinkisbu l-għanijiet stabbiliti fl-istrateġija 2005-2012 ta' l-UE dwar id-droga, b'referenza partikolari għall-***politika*** li tillimita l-ħsara, ***il-politika ta' rijabilitazzjoni*** u ***l-politika*** għall-integrazzjoni soċjali mill-ġdid; | 20. Jistieden lill-partijiet kollha involuti kemm fil-livell ta' l-UE u kemm bħala Stati Membri biex joqogħdu aktar attenti għall-aspetti innovattivi li l-esperjenza tas-soċjetà ċivili tista' tagħti biex jinkisbu l-għanijiet stabbiliti fl-istrateġija 2005-2012 ta' l-UE dwar id-droga, b'referenza partikolari għall-***politika dwar il-limitazzjoni tal-ħsara***, ***dwar l-appoġġ għal dawk li jkunu ħerġin mid-dipendenza u dwar*** *l-*integrazzjoni soċjali mill-ġdid; |

Or. fr

**Emenda 73**
**Esther De Lange, Urszula Gacek**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***21. Jagħti importanza lit-tisħiħ tad-djalogu fil-livell Ewropew ma' l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi - aspett*** | ***Imħassar*** |

***meħtieġ f'kull reazzjoni għall-isfidi ta' l-integrazzjoni soċjali mill-ġdid u fir-rijabilitazzjoni;***

Or. en

**Emenda 74**
**Roselyne Lefrançois**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Jagħti importanza lit-tisħiħ tad-djalogu fil-livell Ewropew ma' ***l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi*** - aspett meħtieġ f'kull reazzjoni għall-isfidi ta' l-integrazzjoni soċjali mill-ġdid u fir-***rijabilitazzjoni***; | 21. Jagħti importanza lit-tisħiħ tad-djalogu fil-livell Ewropew ma' ***l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lil dawk li jużaw id-droga*** - aspett meħtieġ f'kull reazzjoni għall-isfidi ta' l-integrazzjoni soċjali mill-ġdid u ***fl-għoti ta' appoġġ għal dawk li jkunu ħerġin mid-dipendenza***; |

Or. fr

**Emenda 75**
**Nicolae Vlad Popa**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***21a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jippromwovu – bil-koperazzjoni tas-soċjetà ċivili – aċċess ugwali għall-programmi, protezzjoni sigura ta' popolazzjonijiet moħbija u ta' gruppi marġinalizzati u ħidma fid-direzzjoni ta' bini ta' kapaċità – sabiex ikun hemm sostenibilità u effiċjenza tal-programmi implimentati;*** |

Or. en

**Emenda 76**
**Roselyne Lefrançois, Inger Segelström, Javier Moreno Sánchez**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 22. ***Jitlob li jkun hemm involviment akbar tas-soċjetà ċivili biex jiġi evitat l-użu tas-sustanzi psikotropiċi fuq il-post tax-xogħol u fl-għoti ta' tagħrif dwar użu bħal dan;*** | 22. ***Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jippromwovu inizjattivi mis-soċjetà ċivili bil-għan li:*** |
| | ***- jirrinfurzaw il-prevenzjoni u l-informazzjoni dwar ir-riskji ta' l-użu ta' drogi u ta' sustanzi psikotropiċi fuq il-post tax-xogħol u fost iż-żgħażagħ;*** |
| | ***- joffru trattamenti lil individwi vvizjati bid-droga li jinsabu l-ħabs;*** |
| | ***- jiddaħlu fis-seħħ pjanijiet dettaljati ta' prevenzjoni biex jiġi missielet l-użu ta' drogi u ta' sustanzi psikotropiċi f'viċinanzi urbani li jkunu f'riskju, b'mod partikulari fost iż-żgħażagħ, bl-għajnuna ta' organizzazzjonijiet soċjali u tat-trade unions, ;*** |
| | ***- jiġu organizzati kampanji ta' informazzjoni dwar id-droga u dwar l-effetti negattivi fuq is-saħħa, b'kollaborazzjoni ma' l-organizzazzjoni tal-ġenituri, ta' l-istudenti u ta' l-għalliema;*** |
| | ***- li jiġu implimentati l-politiki dwar it-tnaqqis tal-ħsara permezz ta' xogħol ta' kuntatt dirett fit-toroq;*** |
| | Or. fr |

**Emenda 77**
**Inger Segelström**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 22. Jitlob li jkun hemm involviment akbar tas-soċjetà ċivili biex jiġi evitat l-użu tas-sustanzi psikotropiċi fuq il-post tax-xogħol u fl-għoti ta' tagħrif dwar użu bħal dan; | 22. Jitlob li jkun hemm involviment akbar tas-soċjetà ċivili biex jiġi evitat l-użu ***tad-drogi u ta'*** sustanzi psikotropiċi fuq il-post tax-xogħol ***u fost iż-żgħażagħ*** u fl-għoti ta' tagħrif dwar ***ir-riskji assoċjati ma'*** użu bħal dan; |

Or. sv

**Emenda 78**
**Roselyne Lefrançois, Javier Moreno Sánchez**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***23. Jikkunsidra li l-ħiliet speċifiċi ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jistgħu jippermettu lil dawn ta' l-aħħar li jkollhom sehem importanti fit-trattament ta' dawk ivvizzjati bid-droga li jkunu jinsabu l-ħabs;*** | ***imħassar*** |

Or. fr

**Emenda 79**
**Luciana Sbarbati**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 23. Jikkunsidra li l-ħiliet speċifiċi ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jistgħu jippermettu lil dawn ta' l-aħħar li jkollhom | 23. Jikkunsidra li l-ħiliet speċifiċi ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jistgħu jippermettu lil dawn ta' l-aħħar li jkollhom |

| | |
|---|---|
| sehem importanti fit-trattament ta' dawk ivvizzjati bid-droga li jkunu jinsabu l-ħabs; | sehem importanti fit-trattament ta' dawk ivvizzjati bid-droga li jkunu jinsabu l-ħabs ***u ta' dawk li jgħixu f'zoni foqra u mbegħda miċ-ċentru ta' l-ibliet***; |

Or. it

**Emenda 80**
**Marco Cappato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 23. Jikkunsidra li l-ħiliet speċifiċi ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jistgħu jippermettu lil dawn ta' l-aħħar li jkollhom sehem importanti fit-trattament ta' dawk ***ivvizzjati bid-droga*** li jkunu jinsabu l-ħabs; | 23. Jikkunsidra li l-ħiliet speċifiċi ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jistgħu jippermettu lil dawn ta' l-aħħar li jkollhom sehem importanti fit-trattament ta' dawk ***li jużaw sustanzi narkotiċi,*** li jkunu jinsabu l-ħabs; |

Or. en

**Emenda 81**
**Marian-Jean Marinescu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***23a. Jirrakkomanda li ssir evalwazzjoni ta' l-impatt li l-organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili jista' jkollhom fl-iżvilupp u fid-dħul fis-seħħ ta' proġetti speċjali ta' integrazzjoni mill-ġdid għat-tfal tat-triq u għal familji li jkunu soċjalment żvantaġġati;*** |

Or. fr

**Emenda 82**
**Roselyne Lefrançois, Javier Moreno Sánchez**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***24. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jippromwovu inizjattivi f'żoni metropolitani ta' periklu bil-ħsieb li jiddaħħlu - bl-appoġġ ta' l-organizzazzjonijiet soċjali u muniċipali - modi u mezzi biex jiġi evitat l-użu ta' sustanzi psikotropiċi;*** | ***imħassar*** |

Or. fr

**Emenda 83**
**Marian-Jean Marinescu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 24. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jippromwovu inizjattivi f'żoni metropolitani ta' periklu bil-ħsieb li jiddaħħlu - bl-appoġġ ta' l-organizzazzjonijiet soċjali u muniċipali - modi u mezzi biex jiġi evitat l-użu ta' sustanzi psikotropiċi; | 24. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jippromwovu inizjattivi f'żoni metropolitani ta' periklu bil-ħsieb li jiddaħħlu - bl-appoġġ ta' l-organizzazzjonijiet soċjali u muniċipali - modi u mezzi biex jiġi evitat l-użu ta' sustanzi psikotropiċi ***u modi kif jiġu sodisfati l-ħtiġijiet fiżiċi u mentali f'dawn il-viċinanzi***; |

Or. fr

**Emenda 84**
**Inger Segelström**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 24. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jippromwovu inizjattivi f'żoni metropolitani ta' periklu bil-ħsieb li jiddaħħlu - bl-appoġġ ta' l-organizzazzjonijiet soċjali u muniċipali - modi u mezzi biex jiġi evitat l-użu ta' sustanzi psikotropiċi; | 24. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jippromwovu inizjattivi f'żoni metropolitani ***u b'mod partikulari fost iż-żgħażagħ*** ta' periklu bil-ħsieb li jiddaħħlu - bl-appoġġ ta' l-organizzazzjonijiet soċjali u muniċipali - modi u mezzi biex jiġi evitat l-użu ta' ***drogi u ta'*** sustanzi psikotropiċi; |

Or. sv

**Emenda 85**
**Esther De Lange, Frieda Brepoels**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***24a. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jagħtu attenzjoni partikulari lir-reġjuni tal-fruntieri, li spiss ikollhom jiffaċċjaw id-differenzi fil-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar id-drogi*** |

Or. nl

**Emenda 86**
**Roselyne Lefrançois, Javier Moreno Sánchez**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***25. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jippromwovu - bil-koperazzjoni ta' l-organizzazzjonijiet tal-ġenituri u ta' l-istudenti - programmi fl-iskejjel li jkunu jinkludu kampanji dwar id-drogi u l-effetti li jkollhom fuq is-*** | ***imħassar*** |

*saħħa;*

Or. fr

**Emenda 87**
**Marco Cappato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 25. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jippromwovu - bil-koperazzjoni ta' l-organizzazzjonijiet tal-ġenituri u ta' l-istudenti - programmi fl-iskejjel li jkunu jinkludu kampanji dwar id-drogi u l-effetti li jkollhom fuq is-saħħa; | 25. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jippromwovu - bil-koperazzjoni ta' l-organizzazzjonijiet tal-ġenituri u ta' l-istudenti ***u tax-xjenzati*** - programmi fl-iskejjel li jkunu jinkludu kampanji dwar id-drogi u l-effetti li ***jista'*** jkollhom fuq is-saħħa, ***u li jwasslu l-messaġġ għandu gruppi demografiċi differenti***; |

Or. en

**Emenda 88**
**Luciana Sbarbati**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 25. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jippromwovu - bil-koperazzjoni ta' l-organizzazzjonijiet tal-ġenituri u ta' l-istudenti - ***programmi fl-iskejjel li jkunu jinkludu*** kampanji dwar id-drogi u l-effetti li jkollhom fuq is-saħħa; | 25. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jippromwovu ***fl-iskejjel*** - bil-koperazzjoni ta' l-organizzazzjonijiet tal-ġenituri u ta' l-istudenti - kampanji dwar id-drogi u l-effetti li jkollhom fuq is-saħħa; |

Or. it

**Emenda 89**
**Marian-Jean Marinescu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 25. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jippromwovu - bil-koperazzjoni ta' l-organizzazzjonijiet tal-ġenituri u ta' l-istudenti - programmi fl-iskejjel li jkunu jinkludu kampanji ***dwar*** id-drogi u l-effetti li jkollhom fuq is-saħħa; | 25. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jippromwovu - bil-koperazzjoni ta' l-organizzazzjonijiet tal-ġenituri u ta' l-istudenti - programmi fl-iskejjel li jkunu jinkludu kampanji ***fuq*** id-drogi u l-effetti ***negattivi*** li jkollhom fuq is-saħħa ***u l-ħajja soċjali, statistiċi dwar imwiet konnessi mad-droga u mwiet relatati ma' overdoses u l-konsum tad-droga, u dwar il-prevenzjoni;*** |

Or. fr

**Emenda 90**
**Marian-Jean Marinescu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***25a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jippromwovu d-dokumentazzjoni ta' l-indikaturi tal-konsum tad-droga, bil-ħsieb li tingħata stampa ġenerali tar-reġjuni u biex is-sitwazzjoni f'kull wieħed minnhom tkun tista' titqabbel mal-medja nazzjonali;*** |

Or. fr

**Emenda 91**
**Nicolae Vlad Popa**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***25a. Jappoġġja lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jaġixxu b'kuxjenza sħiħa bil-ħsieb li jissieltu l-konsum tad-droga u tad-derivattivi tagħha fost iż-żgħażagħ;*** |

Or. en

**Emenda 92**
**Nicolae Vlad Popa**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25 b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***25b. Jistieden lill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri li huma responsabbli mill-protezzjoni tat-tfal biex jikkoperaw b'mod dirett u konċentrat ma' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili sabiex jissieltu l-konsum tad-droga fost il-minorenni, b'attenzjoni speċjali fuq it-tfal tat-triq.*** |

Or. en

**Emenda 93**
**Roselyne Lefrançois, Javier Moreno Sánchez**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 26**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***26. Jisħaq fuq l-importanza ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-attivitajiet fit-toroq marbuta ma' l-implimentazzjoni tal-politika li tillimita l-ħsara;*** | ***imħassar*** |

Or. fr

**Emenda 94**
**Marco Cappato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 26**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 26. Jisħaq fuq l-importanza ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-attivitajiet fit-toroq marbuta ma' l-implimentazzjoni tal-politika ***li tillimita l-ħsara***; | 26. Jisħaq fuq l-importanza ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-attivitajiet fit-toroq marbuta ma' l-implimentazzjoni tal-politika ***li tillimita l-ħsara***; |

Or. en

**Emenda 95**
**Roselyne Lefrançois**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 27**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***27. Jistieden lill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali ta' l-UE biex tagħmel analiżi dwar l-effetti tal-politika kontra d-droga u biex tevalwa kemm politika bħal din tirriżulta fi ksur tad-drittijiet fundamentali tas-soċjetà ċivili Ewropea;*** | ***imħassar*** |

Or. fr

**Emenda 96**
**Jaime Mayor Oreja, Agustín Díaz de Mera García Consuegra**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 27**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***27. Jistieden lill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali ta' l-UE biex tagħmel analiżi dwar l-effetti tal-politika kontra d-droga u biex tevalwa kemm politika bħal din tirriżulta fi ksur tad-drittijiet fundamentali tas-soċjetà ċivili Ewropea;*** | ***Imħassar*** |

Or. en

**Emenda 97**
**Urszula Gacek**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 27**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***27. Jistieden lill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali ta' l-UE biex tagħmel analiżi dwar l-effetti tal-politika kontra d-droga u biex tevalwa kemm politika bħal din tirriżulta fi ksur tad-drittijiet fundamentali tas-soċjetà ċivili Ewropea;*** | ***Imħassar*** |

Or. en

**Emenda 98**
**Luciana Sbarbati**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 27**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 27. Jistieden lill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali ta' l-UE biex tagħmel analiżi dwar l-effetti tal-politika kontra d-droga u biex tevalwa kemm politika bħal din ***tirriżulta fi*** ksur tad-drittijiet fundamentali tas-soċjetà ċivili Ewropea; | 27. Jistieden lill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali ta' l-UE biex tagħmel analiżi dwar l-effetti tal-politika kontra d-droga u biex tevalwa ***l-effettività tagħhom u jekk u sa liema punt*** *dawn* ***qabżu l-limiti u rrappreżentaw*** ksur tad-drittijiet fundamentali tas-soċjetà ċivili Ewropea; |

Or. it

**Emenda 99**
**Marco Cappato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 27**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 27. Jistieden lill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali ta' l-UE biex tagħmel analiżi dwar l-effetti tal-politika kontra d-droga u biex tevalwa kemm politika bħal din tirriżulta fi ksur tad-drittijiet ***fundamentali tas-soċjetà ċivili Ewropea***; | 27. Jistieden lill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali ta' l-UE biex tagħmel analiżi dwar l-effetti tal-politika kontra d-droga u biex tevalwa kemm politika bħal din tirriżulta fi ksur tad-drittijiet ***individwali***; |

Or. en

**Emenda 100**
**Nicolae Vlad Popa**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 27 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***27a. Jenfasizza l-ħtieġa li l-politiki dwar id-droga jkunu bbażati fuq evidenza xjentifika soda miksuba b'koperazzjoni mas-soċjetà ċivili fil-qasam tar-riċerka relatata mad-droga, filwaqt li jirrikonoxxi l-ħtieġa li jiġu żviluppati politiki bbażati fuq ir-riċerka u mmexxija mill-fatti u li jiġu implimentati attivitajiet ibbażati fuq l-evidenza, inklużi dawk li jipprevjenu u jnaqqsu l-ħsara konnessa mas-saħħa;*** |

Or. en

**Emenda 101**
**Csaba Sógor**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 27 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***27a. Jistieden lill-Istati Membri biex iwaqqfu servizzi ta' attivitajiet komuni u servizzi ta' attivitajiet eżekuttivi bejn aġenzija ta' l-infurzar tal-liġi u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, b'mod partikulari fuq il-livell tal-komunità lokali;*** |

Or. hu

**Emenda 102**

**Marco Cappato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 28**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 28. Jirrikonoxxi l-importanza tas-sehem tas-soċjetà ċivili rigward id-dimensjoni esterna tal-politika Ewropea dwar id-droga u jagħti valur lill-fatt li l-UE qiegħda fuq quddiem fid-dinja ***fil-ġlieda kontra d-drogi f'dak li hu l-iffinanzjar tal-programmi u l-inizjattivi esterni;*** | 28. Jirrikonoxxi l-importanza tas-sehem tas-soċjetà ċivili rigward id-dimensjoni esterna tal-politika Ewropea dwar id-droga u jagħti valur lill-fatt li l-UE qiegħda fuq quddiem ***fl-isponsorjar ta' programmi u inizjattivi maħsubin biex jieħdu kontroll tan-narkotiċi;*** |

Or. en

**Emenda 103**
**Nicolae Vlad Popa**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 28 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***28a. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jipprovdu assistenza teknika u finanzjarja għall-iżvilupp u t-twaqqif ta' sistemi armonizzati li jiffinanzjaw l-assistenza għall-iżvilupp għal Stat u komunitajiet affettwati; jirrikonoxxi l-importanza ta' koperazzjoni li tinvolvi ċ-ċentri ta' studju, l-assoċjazzjonijiet, l-istituti speċjalizzati u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fir-rigward tal-mekkaniżmi li jissorveljaw il-kultivazzjoni illeċita ta' pjanti u l-użu ta' ritratti mill-art u mis-satellita li jkunu kummerċjalment disponibbli;*** |

Or. en

**Emenda 104**
**Marco Cappato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 29**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 29. Jitlob biex jingħataw kunsiderazzjoni u appoġġ għal strateġija Ewropea esterna li jkollha effett sostenibbli, tanġibbli u prattiku fuq il-qagħda fir-reġjuni fejn tiġi prodotta l-materja prima ***għad-droga***; | 29. Jitlob biex jingħataw kunsiderazzjoni u appoġġ għal strateġija Ewropea esterna li jkollha effett sostenibbli, tanġibbli u prattiku fuq il-qagħda fir-reġjuni fejn tiġi prodotta l-materja prima ***għan-narkotiċi, inklużi approċċi alternattivi possibbli - bħad-devjazzjoni tas-swieq legali tal-mediċini jew l-esplojtazzjoni tagħhom għal prodotti mhux tossiċi – għall-programmi u inizjattivi kurrenti promossi minn organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali;*** |

Or. en

**Emenda 105**
**Panayiotis Demetriou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 30**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Jisħaq fuq l-esperjenza ta' l-organizzazzjonijiet Ewropej li huma mdaħħlin biex ibiddlu l-koltivazzjoni lokali għal użi ***kummerċjali***, terapewtiċi u mediċinali; | 30. Jisħaq fuq l-esperjenza ta' l-organizzazzjonijiet Ewropej li huma mdaħħlin biex ibiddlu l-koltivazzjoni lokali għal użi***, u fl-istess ħin ifakkar li koltivazzjoni bħal din għandha tinżamm taħt l-iżjed kontrolli stretti;*** |

Or. en

**Emenda 106**
**Marco Cappato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 30**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 30. Jisħaq fuq l-esperjenza ta' l-organizzazzjonijiet Ewropej li huma mdaħħlin biex ***ibiddlu*** l-koltivazzjoni lokali għal użi kummerċjali, terapewtiċi u mediċinali; | 30. Jisħaq fuq l-esperjenza ta' l-organizzazzjonijiet Ewropej li huma mdaħħlin biex ***jippromwovu l-bidla mill-*** koltivazzjoni lokali għal użi kummerċjali, terapewtiċi u mediċinali ***oħrajn***; |

Or. en

**Emenda 107**
**Panayiotis Demetriou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 31**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 31. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ***jagħtu bidu u jikkonsolidaw*** il-koperazzjoni ma' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili Ewropea li huma | 31. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ***jesploraw modi ta'*** koperazzjoni ma' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili Ewropea li huma mdaħħlin |

| | |
|---|---|
| mdaħħlin fil-promozzjoni ta' sustanzi ***legali*** li jiġu mill-weraq tal-koka bħala mezz biex jagħtu kontribut effikaċi (billi jassorbu l-materja prima) għall-azzjoni internazzjonali kontra t-traffikar tad-droga; | fil-promozzjoni ta' sustanzi legali li jiġu mill-weraq tal-koka ***għal użu legali biss*** bħala mezz biex jagħtu kontribut effikaċi (billi jassorbu l-materja prima) għall-azzjoni internazzjonali kontra t-traffikar tad-droga***, filwaqt li jiżguraw is-sikurezza ta' l-użu ta' sustanzi bħal dawn***; |

Or. en

**Emenda 108**
**Roselyne Lefrançois**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 32**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***32. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jagħtu l-appoġġ tagħhom għall-inizjattivi tas-soċjetà ċivili marbuta mal-koperazzjoni ma' l-Afganistan fil-ġlieda kontra d-drogi u fil-proċess ta' demokratizzazzjoni ta' dak il-pajjiż u mfassla biex jippromwovu skemi ġodda bħal "peprina għall-mediċina", li huma intiżi biex jistabbilixxu l-benefiċċji li jistgħu joħorġu mill-għoti ta' liċenzji għall-użu ta' l-uċuħ tal-peprin għal skopijiet mediċinali u biex jiġi determinat kif dan jista' jsir;*** | ***imħassar*** |

Or. fr

**Emenda 109**
**Inger Segelström**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 32**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 32. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jagħtu l-appoġġ tagħhom għall-inizjattivi tas-soċjetà ċivili marbuta | 32. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jagħtu l-appoġġ tagħhom għall-inizjattivi tas-soċjetà ċivili marbuta |

| | |
|---|---|
| mal-koperazzjoni ma' l-Afganistan fil-ġlieda kontra d-drogi u fil-proċess ta' demokratizzazzjoni ta' dak il-pajjiż u mfassla biex jippromwovu skemi ġodda bħal "peprina għall-mediċina", li huma intiżi ***biex jistabbilixxu l-benefiċċji li jistgħu joħorġu mill-għoti ta' liċenzji għall-użu ta' l-uċuħ tal-peprin għal skopijiet mediċinali u biex jiġi determinat kif dan jista' jsir;*** | mal-koperazzjoni ma' l-Afganistan fil-ġlieda kontra d-drogi u fil-proċess ta' demokratizzazzjoni ta' dak il-pajjiż u mfassla biex jippromwovu***, pereżempju,*** skemi ġodda ***fuq skala żgħira*** bħal "peprina għall-mediċina", li huma intiżi ***li jibdlu xi ftit mill-koltivazzjoni illegali eżistenti ta' peprini għall-produzzjoni industrijali ta' kalmanti kontra l-uġigħ legali li jkunu bbażati fuq il-loppju; jenfasizza li produzzjoni bħal din għandha tkun soġġetta għal sorveljanza stretta fuq il-post, u akkumpanjata b'monitoraġġ minn korp internazzjonali, bħall-UNDCP jew l-UE.*** |
| | Or. sv |

**Emenda 110**
**Esther De Lange**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 32**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 32. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jagħtu l-appoġġ tagħhom għall-inizjattivi tas-soċjetà ċivili marbuta mal-koperazzjoni ma' l-Afganistan fil-ġlieda kontra d-drogi u fil-proċess ta' demokratizzazzjoni ta' dak il-pajjiż u mfassla biex jippromwovu ***skemi ġodda bħal "peprina għall-mediċina", li huma intiżi biex jistabbilixxu l-benefiċċji li jistgħu joħorġu mill-għoti ta' liċenzji għall-użu ta' l-uċuħ tal-peprin għal skopijiet mediċinali u biex jiġi determinat kif dan jista' jsir;*** | 32. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jagħtu l-appoġġ tagħhom għall-inizjattivi tas-soċjetà ċivili marbuta mal-koperazzjoni ma' l-Afganistan fil-ġlieda kontra d-drogi u fil-proċess ta' demokratizzazzjoni ta' dak il-pajjiż u mfassla biex jippromwovu ***proġetti maħsubin għal proġetti alternattivi, bħall-proġett tal-Gvern Olandiż li jippromwovi produzzjoni agrikola alternattiva ta' prodotti Afgani tradizzjonali, b'mod partikulari tal-lewż, taż-żagħfran, tal-berquq, tal-ħarir u tal-każimir;*** |
| | Or. nl |

**Emenda 111**
**Luciana Sbarbati**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 32**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 32. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jagħtu l-appoġġ tagħhom għall-inizjattivi tas-soċjetà ċivili marbuta mal-koperazzjoni ma' l-Afganistan fil-ġlieda kontra d-drogi u fil-proċess ta' demokratizzazzjoni ta' dak il-pajjiż u mfassla biex jippromwovu skemi ġodda bħal "peprina għall-mediċina", li huma intiżi biex jistabbilixxu l-benefiċċji li jistgħu joħorġu mill-għoti ta' liċenzji għall-użu ta' l-uċuħ tal-peprin għal skopijiet mediċinali u biex jiġi determinat kif dan jista' jsir; | 32. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jagħtu l-appoġġ tagħhom għall-inizjattivi tas-soċjetà ċivili marbuta mal-koperazzjoni ma' l-Afganistan fil-ġlieda kontra d-drogi u fil-proċess ta' demokratizzazzjoni ta' dak il-pajjiż u mfassla biex jippromwovu skemi ġodda bħal "peprina għall-mediċina", li huma intiżi biex jistabbilixxu l-benefiċċji li jistgħu joħorġu mill-għoti ta' liċenzji għall-użu ta' l-uċuħ tal-peprin għal skopijiet mediċinali u biex jiġi determinat kif dan jista' jsir ***u b'liema kontrolli;*** |

Or. it

**Emenda 112**
**Marco Cappato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 32**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 32. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jagħtu l-appoġġ tagħhom għall-inizjattivi tas-soċjetà ċivili marbuta mal-koperazzjoni ma' l-Afganistan fil-ġlieda kontra d-drogi u fil-proċess ta' demokratizzazzjoni ta' dak il-pajjiż u mfassla biex jippromwovu skemi ġodda bħal "peprina għall-mediċina", li huma intiżi biex jistabbilixxu l-benefiċċji li jistgħu joħorġu mill-għoti ta' liċenzji għall-użu ta' l-uċuħ tal-peprin għal skopijiet mediċinali u biex jiġi determinat kif dan jista' jsir; | 32. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ***isegwu r-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2007 dwar il-produzzjoni tal-loppju għal skopijiet mediċi fl-Afganistan u*** *biex* jagħtu l-appoġġ tagħhom għall-inizjattivi tas-soċjetà ċivili marbuta mal-koperazzjoni ma' l-Afganistan fil-ġlieda kontra d-drogi u fil-proċess ta' demokratizzazzjoni ta' dak il-pajjiż u mfassla biex jippromwovu skemi ġodda bħal "peprina għall-mediċina", li huma intiżi biex jistabbilixxu l-benefiċċji li jistgħu joħorġu mill-għoti ta' liċenzji għall- |

użu ta' l-uċuħ tal-peprin għal skopijiet mediċinali u biex jiġi determinat kif dan jista' jsir;

Or. en

**Emenda 113**
**Inger Segelström**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 32 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***32a. Jistieden lill-Kummissjoni, flimkien mas-soċjetà ċivili, biex jesploraw il-possibiltajiet li jiġu missielta l-pjantaġġuni illegali tal-peprina fl-Afganistan permezz ta' traxxix li ma jkunx ta' ħsara għall-bnedmin, l-annimali jew l-ambjent;*** |

Or. sv

**Emenda 114**
**Marco Cappato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 33**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 33. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jieħdu vantaġġ mill-koperazzjoni li tinvolvi ċentri ta' studju, assoċjazzjonijiet, istituti speċjalizzati u operaturi tas-soċjetà ċivili li f'dawn l-aħħar snin kienu punt ta' referenza għall-politiki mfassla biex jiġġieldu t-traffikar tad-droga u għall-analiżi tal-qagħda ġeopolitika u tal-flussi ekonomiċi li jiġu mill-kummerċ internazzjonali tan-narkotiċi; | 33. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jieħdu vantaġġ mill-koperazzjoni li tinvolvi ***istituti xjentifiċi ta' l-Istari Membri, organizzazzjonijiet xjentifiċi u l-evalwazzjonijiet mediċi, kif ukoll*** ċentri ta' studju, assoċjazzjonijiet, istituti speċjalizzati u operaturi tas-soċjetà ċivili li f'dawn l-aħħar snin kienu punt ta' referenza għall-politiki mfassla biex jiġġieldu t-traffikar tad-droga u għall-analiżi tal-qagħda ġeopolitika u tal-flussi ekonomiċi li jiġu mill-kummerċ |

internazzjonali tan-narkotiċi;

Or. en

**Emenda 115**
**Nicolae Vlad Popa**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 34 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***34a. Jistieden lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri speċjali sabiex jiżguraw is-sigurtà u l-protezzjoni ta' l-organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili u tal-membri tagħhom li jkunu involuti fil-ġlieda kontra l-konsum tad-droga;*** |

Or. en

**Emenda 116**
**Nicolae Vlad Popa**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 34 b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***34b. Jappoġġja t-twaqqif ta' organizzazzjonijiet li jiġġieldu l-konsum tad-droga kif ukoll it-tishiħ tagħhom fl-Istati li jinsabu fil-fruntieri ta' l-UE;*** |

Or. en

**Emenda 117**
**Marco Cappato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 35**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 35. ***Iqis b'interess*** l-esperjenza tal-Kumitat ta' l-NGOs ta' Vjenna dwar id-Drogi Narkotiċi - kumitat ta' NGOs li jirrappreżenta lis-soċjetà ċivili fl-Uffiċċju tan-NU għad-Droga u l-Kriminalità (UNODC); ***b'mod partikolari, jisħaq fuq l-utilità*** ta' proposti bħal "Lil hinn mill-2008" - inizjattiva bl-għan ewlieni li tippromwovi s-sehem tas-soċjetà ċivili fir-reviżjoni ta' għaxar snin tal-parametri stabbiliti fl-1998 fis-Sessjoni Speċjali ta' l-Assemblea Ġenerali tan-NU (UNGASS) dwar id-droga; jipproponi li jistabbilixxi konsultazzjoni simili fost l-assoċjazzjonijiet Ewropej rigward ir-reviżjoni ta' l-istrateġija ta' l-UE dwar id-drogi wara l-2012; | 35. ***Jirrimarka*** b'interess l-esperjenza tal-Kumitat ta' l-NGOs ta' Vjenna dwar id-Drogi Narkotiċi - kumitat ta' NGOs li jirrappreżenta lis-soċjetà ċivili fl-Uffiċċju tan-NU għad-Droga u l-Kriminalità (UNODC) ***u jispera li fil-futur ikun hemm parteċipazzjoni usa' minn organizzazzjonijiet u individwi fl-attivitajiet ta' Kumitat bħal dan, filwaqt li jqis*** proposti bħal "Lil hinn mill-2008" - inizjattiva bl-għan ewlieni li tippromwovi s-sehem tas-soċjetà ċivili fir-reviżjoni ta' għaxar snin tal-parametri stabbiliti fl-1998 fis-Sessjoni Speċjali ta' l-Assemblea Ġenerali tan-NU (UNGASS) dwar id-*drogi* ***narkotiċi***; jipproponi li jistabbilixxi konsultazzjoni simili fost l-assoċjazzjonijiet Ewropej rigward ir-reviżjoni ta' l-istrateġija ta' l-UE dwar id-drogi wara l-2012; |
| | Or. en |

**Emenda 118**
**Kathalijne Maria Buitenweg**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 35 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***35a. Huwa tal-fehma, sabiex nitgħallmu lezzjonijiet mill-istrateġija futura, li issa, għaxar snin wara s-Sessjoni Speċjali ta' l-Assemblea Ġenerali tan-NU ta' l-1998 (UNGASS) dwar id-Droga – li l-għan ewlieni tagħha kien 'dinja mingħajr droga' fi żmien għaxar snin – jeħtieġ nipproċedu għal evalwazzjoni tar-riżultati attwali tal-politiki kurrenti dwar id-droga sabiex niddeterminaw liema huma l-istrateġiji ta' suċċess;*** |
| | Or. en |